**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 173 / 2015**

**Il-Pulizija**

**(Ass. Kumm. Norbert Ciappara)**

**vs**

**Brady Michael Degiorgio**

**Illum, 28 ta' Lulju, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brady Michael Degiorgio, iben Michael, imwieled Attard, fil-21 ta' Gunju, 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 325585 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

a) Talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju u l-1 ta' Awwissu 2004 u fil-granet ta' qabel din id-data, ittraffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy), minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X' Jaqsmu Maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi biegh jew xort' ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollha bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40 A, 120 A (1) (a) u 120 A (2) (b) (i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3 (1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8 (a), 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni

101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u lliberatu minnhom, fil-waqt illi fir-rigward tal-imputazzjoni (d) ma sabitux hati tal-pussess bl-aggravanti, izda sabitu hati tal-pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u sabitu hati wkoll tal-imputazzjoni (b) u kkundannatu ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b' rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b' din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Madankollu, jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti kkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti f' dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' hames mija u erba' Euro u disgha u tletin centezmu (€504.39), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas u kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu prefiss, dan l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, Dokument NC, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Brady Michael Degiorgio minnu pprezentat fis-7 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi filwaqt illi TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u fir-rigward tal-imputazzjoni (d) mhux hati tal-pussess bl-aggravanti izda hati biss tal-pussess semplici tar-raza mehudha mill-pjanta cannabis, TIRREVOKAHA fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni (b); jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi jigi rilevat illi l-appellant gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bir-reat tat-traffikar tal-pillola ecstacy, pussess tal-pillola ecstacy, traffikar ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis u pussess ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-pussess tal-pillola ecstacy f' cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Illi jirrizluta anke mill-provi prodotti fosthom mix-xhieda tal-appellant stess illi l-pilloli misjuba fil-pussess tal-appellant kienu intizi ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u ma tirrizulta ebda cirkostanza li turi fil-grad rikjest mil-ligi illi l-pilloli misjubba ma kinux ghall-uzu personali u esklussiv tieghu. Inoltre wiehed irid japprezza ukoll illi l-appellant xehed bil-gurament tieghu fil-proceduri odjerni fejn jispjega ezattament x' kienet is-sitwazzjoni tieghu fiz-zmien meta inqabad. Fil-fatt, l-appellant jikkonferma illi dak iz-zmien meta inqabad mill-Pulizija huwa kien ghaddej minn perjodu difficli u li kien l-aghar zmien ta' hajtu. Jikkonferma illi il-

pilloli li nstabulu "kont naqbad u nehodhom f' weekend li kelli hemm hekk" u li kienu ghall-uzu personali tieghu. Jispjega wkoll illi huwa kien jiehu dawk il-pilloli f' weekend bejn il-Gimgha u l-Hadd fejn gieli kien jorqod ftit sighat biss. L-appellant spjega wkoll illi dan kien perjodu ta' ftit zmien u li forsi ghamel sentejn jew tlieta jiehu d-droga. Ghalhekk, f' mohh din l-Onorabbli Qorti, ma jistax ikun hemm l-ebda dubbju illi l-appellant kien persuna illi tabbuza mid-droga u li kellu problema kbira ta' droga.

L-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-fatt illi flimkien mad-droga instabu boroz zghar trasparenti biex tiggustifika l-intenzjoni f' mohh l-appellant illi l-pilloli misjuba ma kienux intizi ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul** irriteniet illi l-mod kif tkun mqassma d-droga tista' tindika l-intenzjoni tal-akkuzat izda t-tqassim ta' droga fi qratas ma jikkostitwix wahdu u ma jammontax ghal traffikar stante illi t-tqassim ta' droga fi qratas huwa differenti mit-tqassim tal-istess qratas lil terzi persuni. Fi kliem iehor il-preparazzjoni tad-droga mhuwiex l-istess ghad-distribuzzjoni tal-istess droga. Dan ghaliex il-preparazzjoni u t-tqassim ta' droga tista' tkun maghmula mill-persuna ghalih innifsu sabiex jevita xi overdose.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-fatt illi l-ammont ta' droga misjub fuq il-persuna tal-appellant kien wiehed sostanzjali izda kif ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin ghalkemm ammont sostanzjali ta' droga jista' jindika l-intenzjoni ta' spacc f' mohh l-akkuzat jew li tali droga jaf ma tkunx intiza ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, l-ammont sostanzjali ta' droga per se mhuwiex spacc u ghaldaqstant sabiex jirrafigura l-element intenzjonali ta' spacc jinhtiegu cirkostanzi li lkoll flimkien jindikaw lill hin minn kull dubju dettatt mir-raguni illi dak l-ammont ta' droga kien se jkun traffikat mill-akkuzat u ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tieghu. Illi ssir referenza ghall-kawza in **Il-Pulizija v. Carmel**

**Spiteri,** deciza fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena 1999, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

"Huwa veru, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa l-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Fil-kaz in dizamina, pero, din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe' li l-pussess in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant."

F' dan il-kuntest, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Norbert Schembri**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Dicembru, 2005, fejn gie ritenut illi minkejja illi persuna jinstab fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' droga, dan wahdu mhux prova konklussiva ghal spacc, nonostante ' l fatt illi r-riskju illi l-istess persuna tithajjar illi tibda tispacca huwa kbir. Ghaldaqstant, il-Qorti kkonkludiet illi suspettuzi kemm huma suspettuzi c-cirkostanzi li fihom persuna tinstab fil-pussess tad-droga, dan xorta mhux konklussiv ghar-reat ta' pussess aggravat.

Fil-kawza fl-ismijet **il-Pulizija vs Brian Caruana,** deciza mill Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju, 2002, il-Qorti, rreteniet illi:

...kull kaz hu differenti minn l-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu l-gudikant ghall-konkluzzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghal l-uzu esklussiv ta' l-akkuzat, fl-ahhar minn l-ahhar hija wahda illi jrid jaghmiela l-gudikant, fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi ' hard and fast rule' ta x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi minn l-assjem tal-provi u minn l-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant...

Illi mingajr pregudizzju ghal dak suespost l-appellant jilmenta illi l-piena erogata minn l-ewwel Qorti u cioe dik ta' ghaxar xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900), hija wahda sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi.

L-appellant illum il-gurnata huwa zaghzugh ta' disgha u ghoxrin sena, li hlief ghal dan l-incident, ghandu fedina penali kwazi kompletament netta. Inoltre, mis-Social Inquiry Report jirrizulta illi l-appellant illum il-gurnata rriforma hajtu kompletament, jghix hajja l-boghod mid-droga (anke l-kampjun tal-urina li ttehidlu fit-tmintax (18) ta' Marzu 2014 irrizulta fin-negattiv ghat-tehid ta' sustanzi illeciti), jghix hajja stabbli u ta' bzulija. F' dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta'

deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Illi inoltre l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea,** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha zaghzugh ta' erba' w ghoxrin sena, b' fedina penali netta, li hlief ghal okkazjoni wahda biss sitt snin qabel (li ghaliha tressaq quddiem il-Qorti) meta, f' mument ta' sbandament temporanju f' hajtu, huwa ssokkomba ghal talba li ghamlitlu habiba tieghu biex jixtrilha doza erojina. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha quddiemha kaz eccezzjonali fejn, fil-fehma kunsidrata taghha, il-piena ta' sitt xhur prigunerija (erba' xhur jekk tnaqqas il-one-third remission for good conduct) x' aktarx igibu fix-xejn dak kollu li l-appellat irnexxielu jikseb sa issa, u dan bi hsara mhux biss ta' l-istess appellat izda wkoll tas-socjeta` li fiha l-appellat illum jinsab integrat pjenament bhala membru onest u biezel. Il-kaz meritu ta' din il-kawza kien jirrigwarda att wiehed u ta' darba ta' traffikar ta' ammont minimu (doza wahda) ta' erojina fic-cirkostanzi aktar ' l fuq imsemmija.

Kaz eccezzjonali jirrikjedi mizuri eccezzjonali. Kif inghad, din il-Qorti ghandha idejha marbuta kwantu ghallpiena. Pero` f' kaz eccezzjonali xejn ma jzomm lil din il-Qorti milli tirrakkomanda l-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra. Fil-fehma

kunsidrata ta' din il-Qorti, l-appellat ghandu jservi biss gimgha prigunerija – b' hekk jigi saldat id-dejn li huwa ghandu mas-socjeta` fir-rigward ta' l-att ta' traffikar li huwa wettaq – u ghalhekk il-Qorti sejra llum stess tirrakkomanda lill-awtorita` kompetenti li, hlief ghall-imsemmija gimgha, il-kumplament tal-piena ta' prigunerija jinhafer.

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Terry Graham, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f' dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f' dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fissocjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta' . Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat ' a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-

appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Inoltre, dan il-kaz jirrisali ghas-sena elfejn u erbgha (2004) u cioe ghal iktar minn ghaxar snin ilu fejn tul dan iz-zmien kollu l-appellant zamm lura mill-ksur tal-ligijiet fejn mghandux kazijiet ohrajn pendenti. Illi f' dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.

Illi dan kollu qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi fil-Parlament ghadu kemm ghaddha l-Att Numru 1 tas-sena 2015 intitolat ATT biex Jipprovdi għat-Trattament ta' Persuni fil-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali u għal miżuri oħra għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga liema att jiffoka fuq l-aspett riformattiv aktar milli dak retributtiv ta' kazijiet ta' persuni li jkunu abbuzaw u nqabdu bil-pussess tad-droga fejn l-att jikkontempla penali u multi u mhux prigunerija effettiva fil-kaz ta' pussess aggravat ta' ammonti zghar ta' sustanzi illeciti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi fir-rikors tieghu l-appellant isostni illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Din il-Qorti ghalhekk tibda billi tghid illi hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura*

[1] Deciza 31 ta' Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, diment li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xehdu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994.

taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[11] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[14]

---

[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.
[14] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xhieda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss.

[15] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru **l-verita' storika** u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**Spettur Norbert Ciappara**[17] xehed nhar id-9 ta' Mejju, 2008 fejn ipprezenta borza tal-*plastic* li kien fiha numru ta' pilloli suspettati *ecstacy* u bicca sustanza kanella suspettatata raza tal-*cannabis*. Qal li din kienet giet migbura minn gol-karozza FAW 859 minn PC 102, fil-prezenza tal-appellant li hu gharaf fl-awla. L-ispettur Ciappara[18] rega; xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2009 fejn spjega li nhar il-31 ta' Lulju 2004 kien infurmat minn WPS 45 Marisa Bartolo li waqt li kienet qed taghmel xi spezzjonijiet l-Isla, kienet intercettat persuna bl-isem ta' Brady Degorgio li kellu

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[17] Fol. 9 tal-process.
[18] Fol. 30 tal-process.

fuqu xi pilloli *ecstacy*, kif ukoll raza tal-*cannabis.* Hu kien kellem lil Brady nhar l-1 t' Awwissu, 2004, wara li kien tah it-twissija. Hu kien irilaxxa stqarrija li giet ddikjarata inammissibli u sfilzata mill-ewwel Qorti.

**Chantal Avellino, Probation Officer**[19] xehdet nhar id-9 ta' Mejju, 2008 fejn qalet li ghamlet *social inquiry report,* izda minhabba li ma kienx hemm ammissjoni, ma setghetx tirrakomanda izda xorta pprezentat r-rapport taghha.

**PC 102 Anthony Portelli**[20] xehed nhar id-29 ta' Settembru, 2008 fejn spjega illi nhar il-31 ta' Lulju, 2004 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Norbert Ciappara marru l-Isla hu, l-Maggur 45, PC 451 u PS 1355 fejn ghamlu xi *searches* fil-gnien tal-Gardjola fejn irrizultaw fin-negattiv. Nizlu taht is-sur fejn innotta lill-appellant jipprova jidhol fil-karozza. Hu saqsih ghalxiex kien ser jidhol fil-karozza u kkopera mieghu w ghaddielu pinolli tal-*ecstacy* u bicca zghira resin. Hu ghaddiehom lill-Maggur 45 u nforma lill-Ispettur minn fejn imbghad ha *over* l-Ispettur Norbert Ciappara.

**SM 45 Marisa Bartolo**[21] xehdet nhar it-12 ta' Jannar, 2009 fejn qalet illi nhar il-31 ta' Lulju, 2004 kienet rceviet xi nformazzjoni illi l-Isla vicin il-Gardjola kienu qed jingabru xi zghazagh u kien qed isir xi abbuz ta' droga. Kienu *night patrol* u nnutaw l-appellant li kien ser jidhol fil-karozza mit-tieqa u gibduh. Kienu sabu hamsa u ghoxrin (25) pinolla suspettati *ecstacy* u bicca sustanza iebsa suspettata *cannabis.* Dawn gew elevati, issigillati u mghoddija lill-Ispettur ghal aktar investigazzjoni min-naha tieghu. Hi gharfet ukoll lill-appellant fl-awla.

---

[19] Fol. 11 tal-process.
[20] Fol. 27 tal-process.
[21] Fol. 34 tal-process.

**PS 1355 Cleon Purshouse**[22] xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2009 fejn spjega illi nhar il-31 ta' Lulju, 2004 kien *night watch* ma SM 45 Marisa Bartolo u dan ghall-habta tad-9.30pm, dahlet telefonata li taht il-Gardjola, Isla kien hemm xi zghazagh li setghu kienu qed ibieghu d-droga. Kienu marru hemm fejn kien hemm xi zghazagh u qabdu ser jaghmlu *search* u gie nnutat minn PC 102 li l-appellant dahal sabiex igib xi haga mill-karozza u dan gibdu lura. Saret tfittxija fil-vettura tieghu u sabulu tletin (30) jew hamsa u ghoxrin (25) *ecstacy* u bicca resin *cannabis*.

**PC 451 Aaron Bugeja**[23] xehed nhar it-12 ta' Jannar, 2009 fejn spjega illi nhar il-31 ta' Lulju 2004 kien *night watch* flimkien ma WPS 45 Marisa Bartolo u PS 1355. Meta kienu fejn il-gnien tal-Gardjola l-Isla ra lil appellant li gharaf fl-awla, li meta marru fuqu u ghamlu tfittxija fil-karozza, kienu sabu ammont ta' pilloli. Mhux hu kien ghamilha t-tfittxija izda kien prezenti fuq il-post.

**Spizjar Mario Mifsud**[24] xehed nhar it-3 t' April, 2009 fejn qal illi kien appuntat minn din il-Qorti nhar it-12 ta' Jannar, 2009 sabiex jaghmel analizi w irrizulta illi l-24 pillola u nofs rrizultaw li kienu *ecstacy* u l-blokka zghira ta' 0.81 grammi kienet raza tal-pjanta cannabis ta' circa 4.1 % purita'.

L-ispizjar Mifsud[25] rega' xehed nhar it-23 t' April 2012 fejn spjega illi l-massimu illi wiehed jikkonsuma f'lejl huwa tlett pirmli *ecstacy*. Qal illi minn 0.8g cannabis qisu ghandek bejn wiehed u iehor tlett *joints.*

**Jeremy Gatt**[26] xehed nhar l-24 ta' Jannar, 2011 fejn qal illi nhar il-31 ta' Lulju, 2004 kien tiela' *party*, waqqfuh il-pulizija u kellu tlett pilloli *ecstacy* fuqu. Ikkonferma

[22] Fol. 36 tal-process.
[23] Fol. 38 tal-process.
[24] Fol. 41 tal-process.
[25] Fol. 69 tal-process.
[26] Fol. 49 tal-process.

li l-kaz tieghu nqata' u li meta waqqfuh il-pulizija kien hemm it-tfajla tieghu, l-appellant u certu Joseph mill-Isla. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant u kemm ilu jafu, hu wiegeb fl-affermattiv u li dejjem laghab il-futbol mieghu w li l-Isla kulhadd jaf lil kulhadd.

**Joseph Brincat**[27] xehed nhar it-28 ta' Novembru, 2011 fejn ikkonferma li nhar il-31 ta' Lulju, 2004 kien l-Isla taht is-sur. Qal li jaf lill-appellant ghax mill-Isla. Hu kellu tlett pirmli fuqu u l-kaz tieghu kien gie deciz. Hu rrifjuta li jsemmi minghand min kien xtara dawn il-pirmli.

**Brady Michael Degorgio**[28] xehed nhar is-27 ta' Jannar, 2014 fejn spjega illi f' 2004 kien arrestat meta kien ix-Xatt tal-Isla. Hu kien barra l-karozza ta' missieru u kienu madwar tmien (8) jew disgha (9) min-nies. Hu xehed illi l-pinolli li kienu sabu l-pulizija kienu tieghu. Hu spjega illi kien johodhom f'weekend ghaliex kien ghaddej minn zmien hazin. Hu kien johodhom f'weekend, u spjega kif kien jiehu ma' disgha (9) jew ghaxra (10) u dan minn 9.00pm sa 12.00pm. Spjega li fil-prezent kien *self-employed* b'hanut l-Isla u kien hareg minn dik il-hajja. Kien biss perjodu ta' ftit zmien, sentejn jew tlett snin li hu abbuza mid-droga.

**Charlotte Fabri, Probation Officer**[29] xehdet nhar il-21 ta' Marzu, 2014 fejn ipprezentat is-*social inquiry report*. Hi spjegat illi peress li l-akkuzi kienu ilhom li nfethu ghaxar (10) snin, setghet tinnotta l-istabbilta' li kellu Brady f'hajtu. Ma kellux kazijiet ohrajn u kellu sapport mill-familja. Ittihidlu kampju tal-urina nhar it-18 ta' Marzu li rrizulta fin-negattiv ghas-sustanzi kollha. L-appellant kien infurmaha li waqaf jabbuza mid-droga wahdu u dan kien ikkonfermat kemm

[27] Fol. 62 tal-process.
[28] Fol. 85 tal-process.
[29] Fol. 97 tal-process.

mill-Caritas u kemm mis-Sedqa. Xehdet li ghandu n-negozju tieghu u fil-fhema taghha l-appellant kellu hajja stabbli.

Charlotte Fabri[30] reghet xehdet nhar it-18 ta' Gunju quddiem din il-Qorti, 2019 fejn xehdet illi kien sar aggornament fuq *social enquiry report* li kien sar hames (5) snin qabel. *In breve* spjegat illi hajjet l-appellant baqghet stabbli anke fir-relazzjoni tieghu tant li hu w l-partner tieghu kienu ser jixtru post. Oltre minn hekk kellu xoghol stabbli u relazzjoni mal-familja tieghu tajba hafna.

**Dr Stephen Spiteri**[31] xehed quddiem din il-Qorti nhar it-12 ta' Dicembru, 2019 fejn spjega illi l-appellant pazjent tieghu w ilu jafu minn meta kien ghadu zghir. Spjega illi kellu problema ta' abbuz minn sustanzi w kien jifrekwenta l-klinika tieghu. Hafna drabi kien imur bi problemi t'anzjeta u insomnia. Hu kien jghinu kemm bil-medicini u anke b'*councelling* sabiex johrog mill-problema li kien dahal fiha. Qal li ilu ma jarah b'dawn il-problemi snin. In kontro-ezami hu wiegeb illi jaf il-familja tieghu u l-ambjent li jghix fih u li sa fejn jaf hu l-ambjent li jghix fih hu wiehed san. Mistoqsi jekk l-anzjeta u insomnia humiex rizultat t' abbuz ta' droga, hu wiegeb 'iva huma'. Hu qal li hafna drabi l-appellant mieghu kien isemmi l-marjuana izda ma kienx jaf bic-cert jekk qatt semmilux xi droga ohra. Spjega li l-appellant kien ghaddej minn perjodu hazin meta beda jabbuza mid-drogi u dan kien erbatax (14)-il sena qabel.

**Dr Roberta Holland**[32] xehdet nhar it-28 ta' Jannar, 2020 fejn *in breve* xehdet dwar il-passat tal-appellant u kif kien l-ewwel jabbuza mill-*cannabis* u sussegwentament beda jabbuza wkoll mill-*ecstacy*. Fil-prezent xehdet illi xorta wahda kien hemm abbuz zghir mill-*cannabis*.

---

[30] Fol. 164 tal-process.
[31] Fol. 181 tal-process.
[32] Fol. 191 tal-process.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti permezz ta' Digriet datat l-20 ta' Frar, 2020 ikkonvertiet ruhha f' Qorti ta' Droga.

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga datata it-13 ta' Jannar, 2021, fejn din il-Qorti giet infurmata li l-appellant kien qed jiehu l-kannabis medicinali.

**Dr Francis Fenech**[33] xehed nhar it-18 ta' Mejju, 2021 fejn qal li l-appellant kien pazjent tieghu u li kien ilu jsegwih minn nofs Lulju, 2020. Xehed illi l-appellant kien mar ghandu minhabba insomnia u ghax kien *hyper* hafna. Wara li ma kienx risponsiv ghal medicina ohra, applikaw ghal *medicinal cannabis* u kien mar tajjeb biha. L-appellant kien infurmah li lest li jieqaf johodha izda hu ma jaqbilx li ghandu jwaqqafha. Spjega illi kollox ikun *tapped* f'dan ir-rigward anke meta tkun inxtrat l-*cannabis*. Kull sitt xhur ried jghaddi review ukoll mis-supretendent tas-sahha pubblika.

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga pprezentata fir-registru ta' dan il-Qorti nhar it-30 ta' Mejju, 2022 fejn inghad illi in vista tal-fatt illi l-klijent ghamel progress kbir, il-Bord kien sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni u ghalhekk kkunsidra l-kaz tal-appellant bhala maghluq b'success.

**Ikkunsidrat,**

[33] Fol. 237 tal-process.

Fir-rigward tal-mertu, l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni ta' htija, fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe' illi li l-appellant kellu fil-pussess tieghu medicina psikopatika illi instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu w dan abbazi s-segwenti ragunijiet:

1. Wara li kellha l-opportunita' tara lill-appellant jixhed u kellha c-cans tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u minghajr tlaqliq qalet li ma kien konvincenti xejn;
2. Il-fatt li wiehed juri li kien jabbuza mid-droga mhux necessarjament ifisser illi l-pinolli kollha misjuba kienu ntizi ghall-uzu personali tieghu;
3. Il-Qorti taghat kunsiderazzjoni x-xhieda tal-ispizjar Mario Mifsud li qal minn studji xjentifici li kien involut fihom hu stess, jirrizulta illi n-norma lokali u anke Ewropeja hi li l-konsum massimu hu ta' tlett (3) pinolli f'lejl. L-appellant xehed illi hu kien jiehu madwar disa' (9) jew ghaxar (10) pinolli f'lejl. Ghalkemm jista' jkun hemm eccezzjonijiet ghan-norma, l-Ewwel Qorti setghet tinnotta illi l-appellant inqabghad mill-pulizija nhar il-31 ta' Lulju, 2004, li kien jahbat il-jum tas-Sibt fl-10.30pm u ghalhekk l-appellant sabiex jikkonsuma l-pinolli kollha li nstabu fuqu ried jiehu pinolla kull siegha minghajr waqfien sal-Hadd bil-lejl u ghalhekk ikkonkludiet li dan certament mhux attendibbli u wisq inqas probabbli;
4. Il-fatt li rrizulta mir-relazzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud illi flimkien mal-*ecstacy* u s-sustanza l-kannella, instabu wiehed u ghoxrin (21) borza zghira tal-plastik. L-Ewwel Qorti kkonkludiet illi ma kienx hemm raguni ghalxiex l-appellant kellu fuqu dak l-ammont ta' pinolli u dak l-ammont ta' boroz *self-sealed*, ghajr sabiex jigu spaccati.

Din il-Qorti, fliet l-atti kollha u ma tistax ma taqbilx mal-Ewwel Qorti ghall-mod kif wasslet ghall-konkluzjoni taghha f'dan ir-rigward. Fliet ukoll ix-xhieda ta' Jeremy Gatt u Joseph Brincat illi t-tnejn xehdu li kellhom tlett (3) pirmli kull

wiehed fuq persuntom u ghalhekk din tkompli ssahhah il-verzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud li n-norma hi li persuna jikkonsuma massimu ta' tlett (3) pirmli f'lejl. Ghalkemm, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni ta' htija fuq prova wahda izolata, b'dak kollu maghdud u l-provi migburin flimkien iwasslu lil din il-Qorti temmen illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova din l-akkuza sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant ifisser illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha, hija tal-fehma illi d-droga *ecstasy* misjuba fil-pussess tal-appellant ma kienitx wahda ghall-uzu esklussiv tieghu tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha ta' fatt. Ghaldaqstant dan l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

**Ikkunsidrat,**

Illi jifdal biss l-ahhar gravam interpost alternattivament ghal-ewwel aggravju ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. It-talba maghmula mill-appellant fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll ghandha bhala l-fini taghha mitigazzjoni fil-piena u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, galadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, ghandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravji mqanqla, kif inghad.

Illi mill-konkluzjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fid-digriet taghha tal-20 ta' Frar, 2020, jirrizulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tieghu jigu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> *'(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu*

*minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*

*Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

*(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.'*

Minn harsa tal-atti processwali, din il-Qorti hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-appellant nstab hati u cioe', il-pussess tal-pilloli *ecstacy* li nstabu li ma kienux ghall-uzu eskluzziv tieghu, kien principalment attriwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga. Din il-Qorti setghet tinnota illi ghaddew tmintax (18)-il sena mir-reat hekk kif kommess mill-appellant u

minkejja li prezentament jiehu l-kannabis medicinali b'mod legali, hareg mill-uzu abbuziv tad-droga, integra fis-socjeta' u sahansitra llum anke ghandu n-negozju tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jisthoqqlu akkoljiment.

Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz, ghandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan ghalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija, altrimenti applikabbli ghar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab hati, sentenza ta' prigunerija sospiza hija il-piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' l-aggravju tal-appellant fir-rigward tal-piena, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, izda tvarja l-piena inflitta, u konsegwentement tghaddi biex tikkundanna lill-appellant Brady Michael Degorgio ghall-perijodu ta' ghaxar xhur (10) prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn (2) mil-lum. Tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie ikkundannat ghal hlas tal-multa ta' disa' mitt euro (€900) u minflok tikkundannah ihallas multa ta'

sitt mitt ewro (€600). Tikkonfermaha fejn l-appellant gie kkundannat ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' hames mija u erba' euros u disgha u tletin centezmu (€504.39) u fejn giet ordnata d-distruzzjoni tad-droga esebita u l-konfiska wkoll tal-affarijiet relatati mad-droga.

Il-Qorti qed taghti l-fakolta lill-appellant li jhallas il-multa inflitta ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'rati mensili u konsekuttivi ta' €50 b'dan illi f kaz li jonqos li jaghmel imqarr pagament wiehed, il-bilanc jigi konvertit fi terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**Finalment tordna kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja Dr. Jonathon Attard bil-ghan li jara jekk hemmx lok li jsiru xi emendi fil-ligi b'mod specjali f'sitwazzjonijiet meta akkuzat ikun qed jiehu kannabis medicinali b'mod legali.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur